**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Patrick Gatt**

Numru 1089/2014

Illum is-sitta (6) ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Patrick Gatt**, ta' erbghin (40) sena, bin Emanuel u Carmen neé Pace, imwieled Pietà, nhar l-14 ta' Marzu 1974 u joqghod gewwa 'Grazia', 47, Triq John Borg, B'Kara u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 212274(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Novembru 2014 kif ukoll fis-sentejn ta' qabel din id-data:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-

persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

3. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioé fuq il-persuni ta' PC 1589 Tariq Shaikh u PC 467 Graeme Baldacchino Lia;

5. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé PC 1589 Tariq Shaikh u PC 467 Graeme Baldacchino Lia, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 13) datat 7 ta' Novembru 2014 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 809/2014 (*a fol.* 25 *et seq.*) redatt mill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Carol Peralta liema Process Verbal jikkontjeni Stqarrija Guramentata ta' Glendon Chappell.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 202) datata 20 ta' Mejju 2015 li permezz taghha:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

  (a) fl-Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (b) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 204 *et seq*.).

Rat illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 211), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 211), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 202), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 217 *et seq*.).

Semghet ix-xhieda l-ohra mressqa mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fid-29 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 240 *et seq*.).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 245 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Novembru 2014 ghall-habta tat-3.15am waqt li PS 364, PC 1589 u PC 1124 kienu ghaddejjin gol-Havana sabu tliet persuni gewwa t-*toilets* tan-nisa, li kienu zewg nisa u ragel bl-isem ta' Glendon Chappell, u saret tfittxija fuqhom. Fuq in-nisa ma nstab xejn u fuq Chappell instabet borza bis-sustanza suspettata kokajina u b'hekk dan il-persuna gie arrestat. Jghid li aktar tard Chappell indika lill-Pulizija li huwa kien xtara dak misjub fuqu minn ghand l-imputat li gie mwaqqaf u saret tfittxija fuqu. Jghid li l-imputat ghamel rezistenza u anke waqghu xi tarag fejn zewg kuntistabbli sofrew griehi ta' natura hafifa. Spjega x'instab fuq il-persuna tal-imputat. Jghid minn tfittxija li saret fid-dar tal-imputat instabu diversi boroz vojta li s-soltu jintuzaw fit-traffikar u fil-pussess ta' droga. Jghid li ittiehdet stqarrija minn ghand l-imputat, liema stqarrija l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex. Jghid li anke Chappell irrilaxxa stqarrija li aktar tard giet guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa. Ezebixxa stqarrija tal-imputat (Dok. "PG" – *a fol.* 62 *et seq.*), zewg certifikati medici (Dok. "PG 1" u "PG 2" – *a fol.* 66 *et seq.*), sustanza suspettata kokajina li giet mehuda minn fuq il-persuna ta' Chappell (Dok. "PG 3"), tliet (3) boroz suspettati kokajina li nstabu fuq il-persuna tal-imputat (Dok. "PG 4"), zewg boroz li nstabu fir-residenza tal-imputat (Dok. "PG 5"), u *mobile phone* li nstab fuq il-persuna tal-imputat (Dok. "PG 6").

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PS 364 David Borg** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Novembru 2014 waqt li kien flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija gol-Havana gie nnutat guvni diehel ma' zewg nisa go *cubicle* tat-*toilet* tan-nisa u ddecidew

li jaghmlulhom tfittxija. Jghid li l-guvni kienu certu Chappell u fuqu nstab pakkett suspettat bil-kokajina u dan qabad jibki u qalilhom li kien ghadu kemm wehel *conditional discharge* u beda jikkollabora maghhom. Jghid li qalilhom li d-droga kien gabha minn ghand *bouncer* li kien jinsab mal-bieb tal-istabbiliment bl-isem Déjà Vu. Jghid li hargu mill-klabb u Chappell ndikalhom min kien dan il-persuna. Jghid li hu (PS 364) flimkien ma' PC 1589 u PC 467 marru fuq dan il-*bouncer* li gie ndikat lilhom li rrizulta li kien l-imputat. Jghid: *"Identifikajt mal-ewwel ruhi li ahna Pulizija min-naha tad-Drug Squad u zammejnih minn idejh bil-mod biex naghmlu tfittxija"* (*a fol.* 69). Jghid li l-imputat qaghad sew waqt li kienet qed issirlu tfittxija gol-but tan-naha tax-xellug u fil-but tan-naha tal-lemin. Jghid: *"kif appena kellu but iehor zghir fil-jeans li jigi fuq in-naha tal-lemin, l-istess, qabad jirritalja u ma hallinix naghmlulu s-search"* (*a fol.* 69). Jghid li spiccaw l-erbgha li huma mal-art u spiccaw tgerbu zewg sulari tarag li jaghtu ghal Déjà Vu. Jghid li l-imputat gie mizmum pero ma setghax jigi mmanettjat peress li beda joffri rezistenza tant li ordna lil PC 467 sabiex jitlob l-assistenza. Jghid li l-ewwel waslu tal-RIU mmexxija mis-Surgent Juan Mula fejn l-imputat gie mmanettjat, gie mqajjem bil-wieqfa u minn tfittxija li saret fil-but iz-zghir tan-naha tal-lemin (il-*pocket* iz-zghir) hariglu tliet pakketti bi trab abjad suspettati kokajina. Jghid li mill-vettura Mercedes tal-imputat, PC 467 eleva *envelope* tal-Brokers Insurance li fih kien hemm xi dokumenti u xi ammont ta' flus. Jghid li PC 1124 u WPC 284 ma kienux involuti fl-arrest u jghid: *"kif hrigna minn go Havana tajthom struzzjonijiet biex lil Mr. Chappell jibqghu sejrin bih fl-Ghassa ta' San Giljan"* (*a fol.* 70). Jghid li wara l-arrest PC 1589 u PC 467 infurmawh li kellhom xi ugiegh f'saqajhom. Jghid li apparti s-Surgent Juan Mula tal-RIU kien hemm zewg surgenti tad-distrett li kienu PS 69 u PS 928.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PC 1589 Tariq Shaikh** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn spjega x'gara fis-7 ta' Novembru 2014 ghall-habta tat-3.15am meta kien flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* gewwa l-Havana. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 364 David Borg u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser isir riferenza ghall-istess fatti li diga xehed fuqhom PS 364 u li rripeta PC 1589. Izid jghid li t-tfittxija li saret minn WPC 284 fuq iz-zewg

tfajliet irrizultat fin-negattiv. Spjega x'instab fuq Glendon Chappell u x'qalilhom l-istess Chappell fir-rigward tal-imputat u x'gara meta hu (PC 1589) flimkien ma' PS 364 u PC 467 marru fuq l-imputat. Jghid li meta marru biex jaghmlu tfittxija fuq l-imputat: *"Dak il-hin beda jirrezistina, beda jipprova jdahhal idejh fil-but u ma halliniex naghmlu tfittxija"* (*a fol.* 73). Jghid li l-imputat baqa' jirritalja maghhom u gibidhom kwazi zewg sulari tarag mieghu u spiccaw wegghu. Jghid li l-imputat baqa' jirritalja anke wara li waqghu. Spjega kif PC 467 irnexxielu b'id wahda jzommlu saqajh it-tnejn, u rnexxielu jcempel lil RIU u hekk kif waslu tal-RIU rnexxielhom jimmanettjaw lill-imputat. Jghid li fil-but tal-imputat sabu tliet *sachets* bi trab abjad suspettat kokajina. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat gew elevati karti tal-*insurance* kif ukoll xi flus Euros u xi *pepper spray*. Meta gie muri Dok. "PG 2" (*a fol.* 67) jghid li dan huwa c-certifikat li ghamel wara li mar il-*clinic*. Jghid li kellu ugiegh f'saqajh, fil-kustilji, u fi spallejh u li hekk kif jiehu n-nifs ghadhom jugawgh ftit il-kustilji.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PC 467 Graeme Baldacchino Lia** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjega x'gara fis-7 ta' Novembru 2014 ghall-habta tat-3.15am waqt li kienu fl-istabbiliment Havana. Jghid li ra lil ragel li wara rrizulta kien Glendon Chappell diehel got-*toilets* tan-nisa. Jghid li fuq Chappell saret tfittxija minn PS 364 u PC 1589 ghal liema tfittxija, hu (PC 467) ma kienx prezenti. Jghid li Chappell ndikalhom lill-imputat li kien barra d-Dèjá Vu. Jghid li hu flimkien ma' PS 364 u PC 1589 marru jaghmlu tfittxija fuq l-imputat u jghid li l-imputat mal-ewwel qabad joffri rezistenza u ma halliehomx. Jghid: *"Kif ersaqnielu lejn il-but tan-naha tal-lemin dan irvilla. Pruvajna narrestawh, ma halliniex, spiccajna nitgerrbu zewg sulari tarag"* (*a fol.* 76 *et seq.*). Jghid li wara certu hin waslu tal-RIU u l-Pulizija tad-distrett u minn but tal-lemin hu (PC 467) sab tliet pakketti bi trab abjad. Jispjega li fil-vettura tal-imputat instab *envelope* b'xi flus. Jghid li hu (PC 467) sofra xi griehi u jispecifika: *"Jiena kelli tenderness in lower back u bix-xatka"* (*a fol.* 77). Jghid li ghadu jsofri ugiegh f'saqajh tal-lemin. Jghid li Dok. "PG 1" (*a fol.* 66) huwa c-certifikat mediku rilaxxat lilu li jikkontjeni l-griehi li sofra.

In kontro-ezami ghad-domanda li Chappell irriferiehom biex imorru fuq *security/bouncer* li kien xoghol, u mistoqsi jghid jekk irrizultalhomx jekk l-imputat huwiex *security* jew jekk dakinhar kienx xoghol bhala *security*, wiegeb li l-imputat ma wriehom l-ebda *tag*. Jghid pero li ra lill-imputat iwaqqaf lin-nies. Mistoqsi jghid jekk staqsewx lill-*management* tal-istabbiliment min kienu s-*security* hemmhekk, wiegeb li ma staqsiex.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn spjega x'gara fis-7 ta' Novembru 2014 u jghid li kien moghti struzzjonijiet mill-iSpettur Nikolai Sant biex jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputat. Jghid li minn tfittxija li saret fuq il-bejt fil-fond 47, Triq John Borg, Birkirkara, wara njama mal-hajt kien hemm borza b'hafna boroz zghar u sab borza ohra b'hafna boroz zghar fuq il-*geyser* fejn it-tromba tat-tarag tal-bejt. Jghid li minn kexxun fil-kamra tas-sodda gew elevati ritratti u certifikat mediku datat 6 ta' Awwissu 2014.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehdet ukoll **WPC 284 Therese Vella** (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn spjegat li fis-7 ta' Novembru 2014 ghall-habta tat-3.15am kienu qed jaghmlu spezzjonijiet gewwa l-Havana. Tghid li twaqqaf Glendon Chappell li fuqu nstab *sachet* kokajina u li gie arrestat. Tghid li hekk kif hargu barra Chappell indikalhom lill-imputat bhala l-persuna li kien ghadu kemm xtara minn ghandu. Tghid li maghha kien hemm PC 1124, PS 364, PC 1589 u PC 467. Tghid li flimkien ma' PC 1124 eskortaw lil Chappell l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Tghid li wara regghu marru fejn kien kemm il-kumplament tax-xift fejn kien hemm l-imputat.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 89) fejn spjega li kien gie nominat sabiex johrog il-kontenut minn fuq cellulari, *sim card* u jikseb *call profiles*. Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 91 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu li gie moghti u ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat

bhala Dok. "GS" (*a fol.* 122 *et seq.*). F'dan ir-rapport, ix-Xjenzat Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *(a) "Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 010_15_01 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piz totali tat-trab kien ta' <u>0.02 grammi</u> fid-dokument PG 3 u <u>1.85 grammi</u> fid-dokument PG 4. L-purita' tal-kokaina li hemm fid-dokument PG 4 kienet ta' cirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *(b) Ezami komparattiv ma' setax issir minhabba li kien hemm biss tracci fid-dokument immarkat PG 3.*
>
> (c) *Skond il-Malta National Drug Report 2012, il-valur tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €79. Dan jaghti valur total ta' €1.58 ghad-dokument PG3 u €146.15 ghad-dokument PG4".*

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Novembru 2014 kien xoghol u flimkien ma' PS 1074 u membri ohra mill-iskwadra marru jaghmlu tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn minn go kexxun fil-kamra tas-sodda hu (PC 1348) sab dokumenti u xi ritratti ta' sinna mtajjra. Ezebixxa tmien ritratti u dokument iehor tal-*Out Patients* tal-iSptar li eleva hu li gew immarkati bhala Dok. "JC" (*a fol.* 139).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Glendon Chappell**[1] (*a fol.* 140 *et seq.*) fejn spjega li waqt li kien qieghed fi klabb f'Paceville, dahlu l-Pulizija waqt li kien qieghed fit-*toilet* u

[1] Minkejja li fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 118) u fit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 140 *et seq.*) isem ix-xhud gie ndikat bhala "Brandon Chappell" jirrizulta li dan kien semplici *lapsus calami* peress li isem ix-xhud imsemmi kellu jigi ndikat bhala "Glendon Chappell". Dan qed jigi kkunsidrat bhala *lapsus calami* peress li fid-depozizzjoni tal-imsemmi Chappell issir riferenza ghal *Process Verbal* (*a fol.* 27 *et seq.*) li jikkontjeni l-istqarrija guramentata ta' Glendon Chappell li ghandu l-istess konnotati bhala ma hemm imnizzel wara l-isem erronjament indikat bhala "Brandon Chappell" (*a fol.* 140). Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghan-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali datata 7 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 116) fejn l-Avukat Generali talab lill-Qorti tisma lil Glendon Chappell. Apparti minn dan fil-verbal tas-27 ta' Jannar 2015 gie mnizzel hekk: "*Il-Qorti qeghda tordna lill-Ufficjal Prosekutur illi jipprezenta z-zewg sentenzi li taghhom ghadda in gudikat Brandon Chappell*" (*a fol.* 118) u rrizulta li dawn iz-zewg sentenzi gew ezebiti fis-seduta tat-28 ta' April 2015 (*a fol.* 188 *et seq.*) liema zewg sentenzi gew moghtija kontra "Glendon Chappell" u mhux kontra "Brendon Chappell".

sabulu fuqu ftit kokajina u hu qalilhom li kien xtara minn klabb iehor bl-isem ta' Déjà Vu. Jghid li huwa ndika lil *bouncer* ta' Déjà Vu li kien qieghed barra hdejn il-bieb. Jghid li ndika min hu u jghid li dan kien l-imputat. Jghid li l-ghada ammetta l-istorja kollha mal-iSpettur u kkonfermaha quddiem l-Magistrat.

F'dan il-hin l-iSpettur qara l-istqarrija guramentata rilaxxata minn Chappell. F'din l-istqarrija jghid li d-droga li nstabet fuqu dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014 kmieni filghodu kienet kokajina u jghid li xtraha €40. Jghid li xtraha minn ghand *bouncer* li kien qieghed xoghol mal-istabbiliment Déjà Vu. Jghid li xtraha l-gurnata ta' qabel. Ikkonferma li kkoopera mal-Pulizija u li identifika lil *bouncer* li bieghlu d-droga ftit wara li hu (Chappell) gie arrestat. Mistoqsi jghid kemm il-darba xtara l-kokajina minn ghand dan ir-ragel li identifika, wiegeb: *"Il-bierah u darbtejn ohra"* (*a fol.* 57). Jghid li d-darbtejn l-ohra kienu fis-sena 2013, pero ma jafx ezattament meta. Meta gie muri sett ta' disa' irgiel gharaf lil dak bin-numru 6 bhala l-persuna li bieghlu l-kokajina, u b'hekk identifika lill-imputat. L-istqarrija rilaxxata minn Chappell (*a fol.* 34 *et seq.*) giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta.

Chapell rega' kkonferma din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman (*a fol.* 143). Fl-awla quddiem il-Magistrat Dr. Hayman, Chappell identifika lill-imputat bhala l-*bouncer* li min ghandu xtara droga u mistoqsi jghid kemm il-darba akkwista droga minn ghandu, wiegeb: *"Ara b'li kont xtrajt xi tliet darbiet forsi"* (*a fol.* 143). Jghid li dejjem akkwista kokajina minn ghandu. Jghid li mar staqsa lill-imputat ghandux kokajina, l-imputat wiegbu fl-affermattiv u pprovdielu. Jghid li t-tliet darbiet li xtara l-prezz kien dak ta' €40 kull darba. Jghid li ma jafx kemm kienet il-kwantita'.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, xehdet **Dr. Juanita Casingena Garrg** (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn ikkonfermat li rrilaxxat iz-zewg certifikati medici li jinsabu mmarkati bhala Dok. "PG 1" (*a fol.* 66) u Dok. "PG 2" (*a fol.* 67). Tghid li l-griehi li soffrew iz-zewg persuni li ezaminat kienu griehi ta' natura hafifa.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 169 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu u ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JH" (*a fol.* 171 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2015, l-iSpettur Pierre Grech ipprezenta zewg sentenzi moghtija fil-konfront ta' Glendon Chappell, liema sentenzi gew immarkati bhala Dok. "PG" (*a fol.* 188 *et seq.*) u Dok. "PG 1" (*a fol.* 191 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 195) fejn spjega li kien gie nkarigat jaghmel ezami komparattiv bejn il-*lifters* ezebiti u l-*finger prints* u l-*palm prints* tal-imputat. Jghid li *lifters* ezebiti ma hemmx u b'hekk ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel ezami komparattiv.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017, xehed l-imputat **Patrick Gatt** (*a fol.* 218 *et seq.*) fejn ikkonferma li f'Novembru 2014 kien gie arrestat meta huwa kien fejn il-bieb tal-istabbiliment Déjà Vu. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel hemm, jghid: *"Jien kelli hafna problemi dakinhar u kont qed nixrob u xtrajt, kont kontra d-droga dejjem imma dakinhar kelli hafna dwejjaq u xtrajt tliet grammi u dhalt nixrob u bdejt niehu"* (*a fol.* 218). Jghid li beda jiehu l-kokajina fejn it-*toilet* u li kienet l-ewwel darba li kien qed jiehu l-kokajina. Jghid li kellu hafna problemi ghax it-tifla tieghu li ghandha tmintax-il sena marditlu biz-zokkor u kien qieghed ma' wahda u kienet tqila u ma kienx jaf jekk hux minn tieghu jew le, u llum irabbi wahdu tifel ta' sentejn. Jghid li llum il-gurnata jmur il-Caritas. Jixhed li d-Déjà Vu kien wahdu. Jghid li xoghlu huwa bit-*taxi* u principalment jahdem fil-pjazza f'Paceville. Jghid li xoghol ta' *bouncer* qatt ma ghamel. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel mal-bieb ta' Déjà Vu meta marru l-Pulizija qal: *"Bdejt nitla' u ninzel, nitla' u ninzel"* (*a fol.* 220). Beda diehel u hiereg mill-klabb. Jiftakar li kien dahal fit-*toilet* u kien dahal persuna warajh u staqsieh jekk hu jbieghx kokajina u hu (l-imputat) wiegbu fin-negattiv. Jghid li qallu: *"ghidtlu "jekk trid ghandi, jekk trid hu mieghi", ghidtlu "ghandi tlieta", ghidtlu "jekk trid hu mieghi""* (*a fol.* 220). Jghid li lil dan ir-ragel ma rahx ghax dan telaq il-barra. Jghid li lehaq ha mieghu fit-*toilet* f'Déjà Vu stess. Jixhed li

dan kien dahal xi siegha u nofs qabel kienu marru fuqu l-Pulizija biex jarrestawh. Jghid li lil dan il-persuna ma jafux pero sar jaf x'jismu meta mar jixhed il-Qorti fil-proceduri odjerni. Jichad dak li qal Chappell cioé li Chappell kien xtara minn ghandu (minn ghand l-imputat). Jghid li hu (l-imputat) qatt biegh xi droga. Jghid: *"Lanqas qatt anzi jien kont ingorr tifel mieghi, kont niehdu ghall-mistura, kont dejjem ingorru mieghi biex ma jiehux droga anzi dik dejjem kontrieha jien"* (*a fol.* 221). Jghid li hu (l-imputat) dejjem ried jghin lil dan il-persuna, cioé lil hu Melchior Spiteri. Jghid li darba hu (l-imputat) kellu l-problemi u belgha xi pilloli u gie mittiehed l-iSptar Monte Carmeli u dana gara wara li kien gie arrestat peress li kellu hafna dwejjaq. Jghid li llum imur il-Caritas biex jghinuh u qata' minn kollox. Jghid li jmur darba fil-gimgha kull meta jghidulu huma. Ikkonferma li meta gie biex jigi arrestat dakinhar ta' Novembru 2014 kien hemm kommozzjoni. Jghid: *"Kont qieghed barra fejn il-bieb, gew tlieta fuqi, wiehed qabadli subghajja hekk rewihuli, wiehed qabadli jdejja ukoll u jien ippruvajt ninqala' minn subghajja u morna ghat-tarag u nqlibna t-tarag kollu s'isfel"* (*a fol.* 223). Jghid li f'din il-waqa' kissrulu sinna mat-tarag. Jghid li dawn it-tliet min nies kienu Pulizija li kienu pajzana. Jghid li dawn qabdu u marru fuqu. Mistoqsi jghid jekk xi hadd qallux xi haga, wiegeb: *"Xejn. Gew hekk fuqi mal-ewwel b'dik l-affari"* (*a fol.* 223). Jghid li qabdulu subajgh, rewhulu, u mbuttawh. Meta gie ndikat lilu li fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija huwa qal li l-kokajina kien qed jehodha hdejn il-bajja ta' San Gorg, jghid: *"Le kont xtrajtha minn fejn il-bajja"* (*a fol.* 223). Jispecifika li ried jghid hu li kien xtraha minn fejn il-bajja ta' San Gorg u li kien qed jikkonsma go Déjà Vu. Jghid li wara l-arrest gie mittiehed il-*lock up* u hu beda jitlobhom biex jehduh il-*polyclinic* ghax kien mugugh peress li kienu tawh anke bil-lembuba u wara li baqa' jirsisti gie mittiehed il-*clinic* tal-Floriana. Jghid li gie nfurmat li kellu jittiehed l-iSptar pero ma riedux jiehduh l-iSptar u meta hareg, hu (l-imputat) mar l-iSptar. Jghid li l-Pulizija ghamlu tfittxijiet fid-dar tieghu fejn sabulu pakkett boroz ghax kien qed jikkarga l-iskratacc. Jghid li dawn huma boroz li tixtri mill-hwienet ghax ic-comb joqghod jaghmilhom go fihom. Qaghad jispjega kif juza dawn il-boroz. Jghid li joqghod jaghzel ic-comb u kkonferma li kien juza dawn il-boroz biex jippakkja biex jaghmel l-iskratacc differenti. Jghid li apparti minn dawn, ma ttiehed xejn aktar mid-

dar. Jghid li l-ebda droga jew xi haga relatata mad-droga ma nstabet fid-dar. Jghid li ma kellu l-ebda mizien. Ikkonferma li saret tfittxija fil-vettura minn fejn ma nstab xejn. Jikkonferma li kien hemm flus fil-vettura u jghid li dawn kienu lesti biex ihallas lil Kind's bihom. Jghid: *"l-iSpettur kien iccekkja u kien tahomli"* (*a fol.* 226). Jghid li kienu aktar minn hames mitt Euro. Jghid li kellu l-vettura fuq ohtu u kellu xi hsara u ried ihallas bihom.

In kontro-ezami mistoqsi jghid ghala kien diehel u hiereg minn Déjà Vu, jghid: *"Nohrog u nidhol, nohrog u nidhol ghax inhossni li mhux qieghed, kultant nohrog ghall-arja u kull tant nidhol gewwa"* (*a fol.* 226). Jghid li l-Pulizija ghawgulu subajgh sakemm arrestawh. Ghad-domanda jekk hux minnu li hu rrezista l-arrest u ma kkooperax mal-Pulizija, wiegeb: *"Jekk tefghuni t-tarag kollu?"* (*a fol.* 226). Jghid li l-Pulizija marru fuqu bl-arroganza. Mistoqsi jghid x'instab fuqu, jghid li kellu tliet grammi. Jghid li dawn kienu fil-but. Jichad dak li qal Chappell meta qal li xtara d-droga minn ghandu ghal erbghin Euro (€40.00). Ghad-domanda: *"Glendon Chappell kien qal ukoll li dan kien xtara darbtejn ohra minn ghandek xi tghid fuqu dan?"* (*a fol.* 227), wiegeb: *"Lanqas qatt ma rajtu"* (*a fol.* 227).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, xehed **Noel Cassar** (in rapprezentanza tal-Caritas – *a fol.* 229 *et seq.*) fejn qal li l-ewwel darba li l-imputat ghamel kuntatt mal-Caritas kien fit-23 ta' Frar 2015. Jghid li l-imputat kellu problema serja ta' droga illecita kokajina u li hu baqa' jattendi regolarment. Jixhed li wara madwar sitt gimghat, it-testijiet tal-awrina bdew jindikaw li l-imputat kien nadif u baqa' hekk u li llum il-gurnata ghandu familja u li l-Caritas sodisfatti bih. Ikkonferma li r-rizultati kienu negattivi ghall-kokajina. Jghid li t-testijiet tal-awrina kwazi jsiru kull gimgha.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, xehed ukoll **Oswald Balzan** (in rapprezentanza tal-iSptar Monte Carmeli – *a fol.* 231 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat dahal darba fl-iSptar Monte Carmeli u dan kien fl-20 ta' Frar 2015 u dam biss gurnata. Ipprezenta dokumenti in sostenn ta' dan li gew immarkati bhala Dok. "OB 1" u "OB 2" (*a fol.* 233 u 234 rispettivament).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017, xehdet il-**Psikoterapista Stephanie Grech** (*a fol.* 236 *et seq.*) fejn qalet li taf lill-imputat u li l-ewwel darba li hu ghamel kuntatt mal-Caritas kien fi Frar 2015. Tghid li dak iz-zmien kellu problema tal-kokajina, baqa' jattendi b'mod regolari fejn indirizza l-problema u ghadu qed jattendi u sejjer tajjeb hafna. Tghid li jsiru testijiet tal-awrina ghal kwalunkwe tip ta' abbuz ta' droga, liema testijiet isiru jew darba fil-gimgha jew darba kull gimghatejn. Jekk tiftakar sew, l-imputat kien mar minn jeddu l-Caritas. Mistoqsija tghid ghala ghadu jattendi l-Caritas, tghid li minkejja li l-imputat ilu li waqaf mid-droga, baqa' jmur ghas-*support* u dana minhabba li ghandu problemi ohra tal-hajja personali tieghu, fosthom li jiehu hsieb tifel ta' sentejn bl-ghajnuna ta' certu nies. Tghid li l-imputat kellu wkoll problema anke fir-relazzjoni ma' omm it-tifel. Tghid li huma jemmnu li fejn ikun hemm *addiction* importanti li dak li jkun jibqa' bil-kuntatt u ma jinqatax. Tikkonferma li dan it-tifel li semmiet kien hemm battalja legali dwaru u li l-imputat inghata l-kura u l-kustodja tieghu. Tghid li l-imputat rega' wkoll beda jahdem peress li bil-problema li kellu l-imputat kien tilef hafna mill-affarijiet li kellu. Tghid li l-imputat ghandu t-*taxi* tieghu u, jekk mhijiex sejra zball, kienet giet revokata t-*tag* tieghu u li din regghet inghatatlu. Tghid li l-imputat jahdem hafna, imantni lit-tifel u tifla ohra li ghandu. Tghid li l-*feedback* fuq l-imputat huwa wiehed pozittiv.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "PG" - *a fol.* 62 *et seq.*) (din hija l-istess bhal dik *a fol.* 5 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Nikolai Sant, liema stqarrija giet rilaxxata fis-7 ta' Novembru 2014 wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u l-imputat qal li huwa kemm cempillu biss, mistoqsi jghid x'jahdem, wiegeb: *"Xejn"* (*a fol.* 63). Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel mal-bieb tal-istabbiliment Déjà Vu l-gurnata ta' qabel, jghid li kien qed jitkellem man-nies. Ghad-domanda li kien qed jahdem bhala *security* jew *bouncer*, ghazel li ma jwegibx. Jghid li t-tliet pakketti b'sustanza bajda li nstabu fuqu dakinhar kmieni filghodu kienu ghalih. Mistoqsi jghid x'kien hemm fihom, wiegeb: *"Mela jien naf?"* (*a fol.* 63). Jghid: *"Nahseb li*

*kokajina jekk xtrajtha hu"* (*a fol.* 63). Mistoqsi jghid xi jwiegeb ghad-domanda li kien qed ibiegh id-droga kokajina mal-bieb ta' Déjà Vu, wiegeb: *"Ma nwegibx"* (*a fol.* 63). Jghid li qabad jiehu d-droga issa u dawk xtrahom ghalih. Jghid li d-droga li nstabet fuqu xtraha mitt Euro (€100.00). Jghid li meta jkun imdejjaq jikkonsma d-droga. Jghid li xtraha minn ghand Gharbi li ma jafx x'jismu u li l-gurnata ta' qabel xtara minn Paceville lejn il-bajja ta' San Gorg. Ghad-domanda: *"Minn din is-sustanza li xtrajt, tajt minnha lil xi hadd?"* (*a fol.* 64), wiegeb fin-negattiv. Jghid li minn din il-kokajina lehaq ha minnha u li hadha hdejn il-bajja ta' San Gorg. Ghad-domanda: *"Il-Pulizija ghandha prova li inti kont qed tbiegh id-droga l-bierah sbieh dalghodu, ha tibqa' tigdeb?"* (*a fol.* 64), qal: *"Ma nwegibx"* (*a fol.* 64). Ghazel ukoll li ma jwegibx ghad-domanda jekk hu rrezistix l-arrest tal-Pulizija. Ghad-domanda ghala ma kkooperax mal-Pulizija ghazel li ma jwegibx. Ma wegibx anqas ghad-domanda li hu ilu jittraffika d-droga kokajina ghal dawn l-ahhar sentejn.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li minn tfittxija li saret fuq certu Glendon Chappell fis-7 ta' Novembru 2014 kmieni fil-ghodu nstab pakkett b'sustanza suspettata kokajina u li l-imsemmi Chappell indika lill-Pulizija li huwa kien xtara din is-sustanza minn ghand l-imputat li gie mwaqqaf u saret tfittxija fuqu. Da parte tieghu, l-imputat cahad dak li qal Chappell u cahad ukoll li huwa qatt biegh xi droga.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet relatati ma' droga u kif ukoll bi ksur ta' Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu Process Verbal (*a fol.* 25 *et seq.*) li jikkontjeni stqarrija rilaxxata minn Glendon Chappell, liema stqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta. Da parte taghha, id-difiza, fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 245 *et seq.*), tissottometti li l-Pulizija wriet favoreggjamenti favur Chappell billi meta hadet proceduri kriminali fil-konfront tieghu naqset milli takkuzah bi ksur ta' *conditional discharge* biex b'hekk, skond id-difiza, l-imsemmi Chappell seta' iserrah rasu, jigi sentenzjat u jkun xhud ammissibbli fil-proceduri odjerni kontra l-imputat Gatt.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Forna jew Ipprokura d-Droga Kokajina)</u>:**
Illi fl-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura d-droga kokajina u dan fis-7 ta' Novembru 2014 u matul is-sentejn ta' qabel.

Illi aktar-il fuq diga nghad dak li xehed Glendon Chappell u dak li gie michud mill-imputat. Illi kollox jiddependi ghalhekk fuq il-kwistjoni tal-kredibilita' li ghandha tinghata mill-banda l-wahda, lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, Glendon Chappell li jghid li xtara d-droga minn ghand l-imputat aktar minn darba u mill-banda l-ohra, il-kredibilita' li ghandha tinghata lill-imputat. Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tirrikonoxxi li l-unika haga li torbot lill-imputat mal-akkuza hija l-verzjoni moghtija minn Chappell.

Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux

kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

Illi skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li min ghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat

volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xiehda moghtija minn Glendon Chappell. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi *a tempo vergine* Chappell mal-ewwel indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minn ghandu kien xtara d-droga kokajina u rega' kkonferma dan bil-gurament kemm quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Peralta kif ukoll fix-xiehda tieghu f'dawn il-proceduri.

Illi minkejja li d-difiza tissottometti li Chappell qal li huwa kien xtara d-droga minn ghand *bouncer* u minkejja li d-difiza tissottolinea li l-imputat ma kienx jaghmel xoghol ta' *bouncer* pero' kellu xoghol bit-*taxi*, pero l-Qorti tinnota li dan huwa dettall minuri meta kkunsidrat mal-fatti l-ohra esposti. Apparti minn dan, l-imputat ma nnegax li kien diehel u hiereg mill-istabbiliment Déjà Vu. Ir-risposta tieghu ghala kien qed jaghmel hekk tista' titqies bhala wahda mhux kredibbli. Il-Qorti tfakkar li l-imputat qal hekk: *"Nohrog u nidhol, nohrog u nidhol ghax inhossni li mhux qieghed, kultant nohrog ghall-arja u kull tant nidhol gewwa"* (*a fol.* 226). Jekk din ir-risposta tittiehed wahidha forsi tista' titqies li taghmel sens pero' meta tittiehed in konsiderazzjoni fl-assiem tal-provi prodotti wiehed jasal ghall-konkluzjoni ohra li mhijiex kredibbli. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li meta PC 467 Graeme Baldacchino Lia gie mistoqsi in kontro-ezami jekk irrizultalhomx jekk l-imputat huwiex *security* jew jekk dakinhar tal-akkadut kienx xoghol bhala *security*, wiegeb li l-imputat ma wriehom l-ebda *tag* pero jispecifika li ra lill-imputat iwaqqaf lin-nies!

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghaz-zewg sentenzi li d-difiza taghmel riferenza ghalihom fl-atti processwali u dana meta tallega li saru favoreggjamenti da parte tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' Chappell. Il-Qorti tibda billi tinnota li hija propensa li tiskarta dawn iz-zewg sentenzi (Dok. "PG" – *a fol.* 188 *et seq.* u Dok. "PG 1" – *a fol.* 191 *et seq.*) *stante* li huma nieqsa mill-firem appoziti li jikkonfermaw li huma vera kopji tal-original. Dawn m'humiex hekk immarkati u b'hekk legalment ma jfissru xejn. Il-Qorti tista' tieqaf hawn u tinjora z-zewg dokumenti msemmija pero' thoss li

ghandha tikkumenta ulterjorment dwarhom bil-mod segwenti: f'kaz li l-Qorti setghet tiehu konjizzjoni taghhom, dak sottomess mid-difiza fir-rigward ta' favoreggjamenti fil-konfront ta' Chappell ma jaghmilx sens. Dan qieghed jinghad peress li mentri s-sentenza moghtija fit-13 ta' Ottubru 2014 (Dok. "PG" – *a fol.* 188 *et seq.*) taghmel riferenza ghal-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2013 u matul is-sena ta' qabel, is-sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2014 (Dok. "PG 1" – *a fol.* 191 *et seq.*) taghmel riferenza ghad-data tat-2 ta' Marzu 2014 li jfisser li ladarba l-imputat inghata *conditional discharge* fit-13 ta' Ottubru 2014 huwa ma seta' QATT jigi akkuzat bi ksur ta' *conditional discharge* fl-akkuzi l-ohra li jaghmlu riferenza ghat-2 ta' Marzu 2014 fis-sentenza l-ohra u dana *stante* li fit-2 ta' Marzu 2014 Chappell kien ghadu mhux sentenzjat bl-ewwel sentenza!! Dan ifisser li dak sottomess mid-difiza rigward allegat favoreggjamenti fil-konfront ta' Chappell huwa bla ebda bazi. Il-Qorti mhijiex ser taghmel l-ebda kumment iehor dwar dan pero' ssostni li r-riferenzi ghall-atti processwali ghandhom ikunu dejjem korretti u mhux b'mod li jistghu jizvijaw lill-Qorti ossia l-kors tal-gustizzja.

Illi minkejja l-fatt li din il-Qorti kif preseduta ma ghexetx il-process kollu gudizzjarju prezenti kontra l-imputat u dana peress li l-kawza odjerna giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta f'Gunju 2015 u minkejja l-fatt li Glendon Chappell xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-Qorti tinnota li l-verzjoni moghtija minn Chappell baqghet dejjem wahda konsistenti – kemm meta huwa rrilaxxa l-istqarrija tieghu, kemm meta giet din konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta u kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti ma ssib xejn li m'huwiex kredibbli jew inverosimili fiha. Fir-rigward tal-verzjoni moghtija mill-imputat, minkejja li jirrizulta li huwa minnu li huwa kellu problema ta' droga, pero' dan *per se*, u mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li c-cahda tieghu ta' dak li nghad minn Chappell mhijiex kredibbli. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li hadet konjizzjoni tal-fatt ta' dak li nstab fuq l-imputat meta gie arrestat u tal-fatt li minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu wara njama mal-hajt kien hemm borza b'hafna boroz zghar u nstabet borza ohra b'hafna boroz zghar

fuq il-*geyser* fejn it-tromba tat-tarag tal-bejt. Minkejja li r-raguni moghtija mill-imputat rigward dawn il-boroz *tista'* tkun wahda li tigi kkunsidrata bhala verosimili pero' fl-istess waqt il-Qorti ma hijiex ser tikkunsidraha bhala tali u dana wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-fatti l-ohra li jemergu mill-atti processwali.

Illi l-Qorti hija moralment konvinta illi l-verita' tinsab fil-verzjoni moghtija minn Chappell u mhux fil-verzjoni moghtija mill-imputat.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-konkluzjoni raggunta mix-Xjenzat Sammut fir-rapport tieghu u tenut kont tal-fatt ta' dak li nghad minn Chappell u ta' dak li nstab fuq l-imputat, il-Qorti tqis illi l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess Aggravat):**

Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravate ta' kokajina. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkunx perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u dana specjalment meta issir riferenza ghall-fatt li l-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija minn Glendon Chappell hija wahda kredibbli. Apparti t-tliet (3) boroz bi trab abjad li nstabu fuq l-imputat, fuq Chappell instabet is-sustanza li giet mixtrija minn ghand l-imputat. Fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 122 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

(a) *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 010_15_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.02 grammi fid-dokument PG 3 u 1.85 grammi fid-dokument PG 4. L-purita' tal-kokaina li hemm fid-dokument PG 4 kienet ta' cirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(b) *Ezami komparattiv ma' setax issir minhabba li kien hemm biss tracci fid-dokument immarkat PG 3.*

(c) *Skond il-Malta National Drug Report 2012, il-valur tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €79. Dan jaghti valur total ta' €1.58 ghad-dokument PG3 u €146.15 ghad-dokument PG4".*

Apparti l-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss

pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni l-ammont ta' kokajina li nstab fuq l-imputat, minkejja li mhuwiex xi ammont ezagerat u minkejja l-problema ta' droga li kellu l-imputat, il-Qorti hija serena tikkonkludi li dak misjub fuq l-imputat ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu u dana qed jinghad b'mod partikolari minhabba l-fatt li rrizulta li Chappell xtara diversi drabi minn ghand l-imputat, inkluz dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014. Ghal dawn il-motivi kollha, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>:**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-depozizzjoni tad-diversi ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri fejn inghad li dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014 huma kienu f'Paceville, specifikament fl-

istabbiliment Havana. Chappell qal lill-Pulizija li hu kien xtara minn ghand l-imputat minn klabb iehor bl-isem ta' Déjà Vu li jinstab ukoll f'Paceville.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-10 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Frendo** f'liema sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet insenjament li jista' jigi applikat ghall-kaz odjern. Fis-sentenza msemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Hu ovvju wkoll li fid-Detox Centre jkun hemm persuni ta' kull eta', imma l-aktar ta' eta' zaghzugha, li jattendu regolarment biex jigbru d-doza taghhom tal-methadone u jircievu trattament ghall-vizzju taghhom. Hu risaput ukoll mill-kazistika li f'dak il-post ta' sikwiet jkunu jhufu l-*pushers* ghax jafu li jkun hemm suq tajjeb ghall-prodott li jkunu qed jittraffikaw u dawn regolarment jitressqu quddiem il-Qrati u jinstabu hatja. Ghalhekk ma hemmx dubju f'mohh din il-Qorti li fl-akwati tad-Detox Centre jiltaqghu z-zaghzagh meta jkunu l-aktar vulnerabbli u identifikabbli bhala tali minn dawk li jkunu jridu jittraffikaw id-droga. *Ergo* dan hu post fejn jiltaqghu z-zaghzagh u, b'mod aktar pronunzjat minn kull post iehor, fejn l-istess zaghzagh ikunu l-aktar vulnerabbli".

Illi minkejja li l-kaz odjern ma jitrattax id-Detox pero' jirrigwarda l-istabbilimenti Déjà Vu u Havana li jinsabu f'Paceville fejn jingabru z-zghazagh, mehud dak li ghadu kemm inghad in konsiderazzjoni jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni *ossia* aggravju gie ppruvat.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith"*. Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed

tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

- Il-Pulizija identifikaw ruhhom bhala tali meta avvicinaw lill-imputat.

- PS 364 David Borg jghid li l-imputat qaghad sew waqt li kienet qed issirlu tfittxija gol-but tan-naha tax-xellug u fil-but tan-naha tal-lemin. Jghid: *"kif appena kellu but iehor zghir fil-jeans li jigi fuq in-naha*

*tal-lemin, l-istess, qabad jirritalja u ma hallinix naghmlulu s-search"* (*a fol.* 69). Jghid li spiccaw l-erbgha li huma mal-art u spiccaw tgerbu zewg sulari tarag li jaghtu ghal Déjà Vu. Jixhed kif l-imputat gie mizmum pero' ma setghax jigi mmanettjat peress li beda joffri rezistenza tant li ordna lil PC 467 sabiex jitlob l-assistenza u li eventwalment l-imputat gie mmanettjat u gie mqajjem bil-wieqfa.

- PC 1589 Tariq Shaikh jispjega li meta marru biex jaghmlu tfittxija fuq l-imputat: *"Dak il-hin beda jirrezistina, beda jipprova jdahhal idejh fil-but u ma halliniex naghmlu tfittxija"* (*a fol.* 73). Jixhed kif li l-imputat baqa' jirritalja maghhom u gibidhom kwazi zewg sulari tarag mieghu u spiccaw wegghu. Jghid li l-imputat baqa' jirritalja anke wara li waqghu. Spjega kif PC 467 irnexxielu b'id wahda jzommlu saqajh it-tnejn, u rnexxielu jcempel lil RIU u hekk kif waslu tal-RIU rnexxielhom jimmanettjaw lill-imputat.

- PC 467 Graeme Baldacchino Lia xehed dwar ir-rezistenza li offra l-imputat. Jghid: *"Kif ersaqnielu lejn il-but tan-naha tal-lemin dan irvilla. Pruvajna narrestawh, ma halliniex, spiccajna nitgerrbu zewg sulari tarag"* (*a fol.* 76 *et seq.*).

- Filwaqt li PC 1589 Tariq Shaikh jghid li kellu ugiegh f'saqajh, fil-kustilji, u fi spallejh u li kif jiehu n-nifs jugawgh ftit il-kustilji, PC 467 Graeme Baldacchino Lia jghid li kellu *tenderness in lower back* u fix-xatka. Jghid li ghadu jsofri ugiegh f'saqajh tal-lemin. Da parte taghha, Dr. Juanita Casingena Garrg ikkonfermat iz-zewg certifikati medici (Dok. "PG 1" (*a fol.* 66) u Dok. "PG 2" (*a fol.* 67)) rilaxxati minnha fil-konfront taz-zewg ufficjali msemmija. Fid-depozizzjoni taghha tghid li dawn iz-zewg persuni sofrew griehi ta' natura hafifa.

- M'huwiex kredibbli l-imputat meta jallega li l-Pulizija qabdulu subajgh, rewhulu, u mbuttawh. Meta l-imputat gie mistoqsi in kontro-ezami jekk hux minnu li hu rrezista l-arrest u ma kkooperax mal-Pulizija, wiegeb: *"Jekk tefghuni t-tarag kollu?"* (*a fol.* 226). Filwaqt li ma jirrizultax li l-imputat gie mitfugh it-tarag, jirrizulta pruvat li l-Pulizija tgerbu t-tarag mal-imputat u dana in segwitu tal-

fatt li hu rrezista l-arrest. Ghandu jinghad li jirrizulta li l-imputat irrezista l-arrest QABEL waqa' t-tarag flimkien mal-Pulizija l-ohra.

Illi, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta fl-atti processwali u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqalghha l-ebda dubju li d-depozizzjonijiet tal-Ufficjali tal-Pulizija ghandhom jitwemmnu. Fl-istess mod, il-Qorti ma jibqalghha l-ebda dubju li l-elementi li jsawru z-zewg reati msemmija gew sodisfacentement pruvati. B'hekk ser tinstab htija fl-imputat fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta'

> gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk

oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin tinnota li kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew kollha kemm huma pruvati u li huma kollha ta' natura serja;

- il-fedina penali (*a fol.* 9 *et seq.*) tal-imputat li mhijiex wahda nadifa;

- il-valur tad-droga misjuba, liema valur jemani mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjonijiet ta' Noel Cassar (in rapprezentanza tal-Caritas), ta' Oswald Balzan (in rapprezentanza tal-iSptar Mater Dei), u tal-Psikoterapista Stephanie Grech;

- il-fatt li jidher li l-imputat mixi fit-triq it-tajba;

- il-fatt li l-Qorti ser tqis illi r-reat ikkontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel (1) imputazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa, liema piena ser tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta' Mejju 2015 u senjatament Artikoli 17(h), 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

kif ukoll wara li rat

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Patrick Gatt hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Gatt sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€661.35).[2]

---

[2] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 94 *tergo*) (€322.64); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 126 *tergo*) (€196.71); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH" – *a fol.* 174) (€142.00).

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**